Komunikazzjoni mill-Ministru għall-Affarijiet Ekonomiċi, l-Agrikoltura u l-Innovazzjoni tar-Renju tal-Pajjiżi l-Baxxi skont l-Artikolu 3(2) tad-Direttiva 94/22/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-kundizzjonijiet għall-għoti u l-użu ta' awtorizzazzjonijiet għall-ipprospettar, l-esplorazzjoni u l-produzzjoni ta' idrokarburi

(2011/C 292/07)

Il-Ministru għall-Affarijiet Ekonomiċi, l-Agrikoltura u l-Innovazzjoni b'dan qed javża li rċieva applikazzjoni għall-awtorizzazzjoni għall-prospettar tal-idrokarburi fiż-żona magħrufa bħala Akkrum.

Iż-żona koperta tinsab fil-provinċja ta' Friesland u hija magħluqa b'linji dritti li jgħaqqdu dawn il-pari vertiċi li ġejjin A-B, B-C, C-D, D-E, E-F, F-G, G-H, H-I, I-J, J-K, K-L, L-M, M-N, N-O, O-P, P-Q, Q-R, R-S, S-T u A-T.

Il-koordinati tal-vertiċi huma kif ġej:

Vertiċi	X	Y
A	185400,00	568000,00
B	192300,00	568000,00
C	195000,00	572000,00
D	197700,00	571200,00
E	200400,00	568000,00
F	203000,00	568000,00
G	203000,00	569600,00
H	208225,00	568000,00
I	210750,00	562350,00
J	209450,00	560851,69
K	209823,97	560049,72
L	208120,00	561040,00
M	205444,75	558988,28
N	205100,00	559150,00
O	203505,01	561824,34
P	201300,00	563300,00
Q	193900,00	562650,00
R	179900,00	560750,00
S	174450,00	559650,00
T	179050,00	564000,00

Il-vertiċi msemmija hawn fuq huma ddefiniti permezz tal-koordinati ġeografiċi tagħhom, ikkalkulati skont is-Sistema Nazzjonli ta' Trijangulazzjoni (RD, *Rijks Driehoeksmeting*).

Abbażi ta' din id-deskrizzjoni tal-konfini, l-erja tas-superfiċje hija 209,9 km^2.

B'referenza għad-Direttiva msemmija fl-introduzzjoni u għall-Artikolu 15 tal-Att dwar il-Minjieri (*Mijnbouwwet*) (il-Bullettin tal-Atti u tad-Digrieti (*Staatsblad*) 2002, Nru 542), il-Ministru għall-Affarijiet Ekonomiċi, l-Agrikoltura u l-Innovazzjoni b'dan jistieden lill-partijiet interessati sabiex iressqu applikazzjoni ta' kompetizzjoni għall-awtorizzazzjoni għall-prospettar tal-idrokarburi fiż-żona kkonfinata bil-punti u l-koordinati msemmija hawn fuq.

Il-Ministru għall-Affarijiet Ekonomiċi, l-Agrikoltura u l-Innovazzjoni huwa l-awtorità kompetenti għall-għoti tal-awtorizzazzjonijiet. Il-kriterji, il-kundizzjonijiet u r-rekwiżiti msemmija fl-Artikoli 5(1), 5(2) u 6(2) tad-Direttiva msemmija hawn fuq huma stabbiliti fl-Att dwar ix-Xogħol tal-Minjieri (Il-Bullettin tal-Atti u tad-Digrieti 2002, Nru 542).

Il-preżentazzjoni tal-applikazzjonijiet tista' ssir matul it-13-il ġimgħa ta' wara l-pubblikazzjoni ta' dan l-avviż f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* u għandhom jintbagħtu lil:

De minister van Economische Zaken, Landbouw en Innovatie
ter attentie van de heer P. Jongerius, directie Energiemarkt
ALP A/562
Bezuidenhoutseweg 30
Postbus 20101
2500 EC Den Haag
NEDERLAND

L-applikazzjonijiet li jaslu wara li jiskadi dan il-perjodu ma jiġux ikkunsidrati.

Id-deċiżjoni dwar l-applikazzjonijiet se tittieħed sa mhux aktar tard minn 12-il xahar mit-tmiem ta' dan il-perjodu.

Aktar tagħrif jista' jinkiseb mingħand is-Sur E. J. Hoppel fuq dan in-numru tat-telefon: +31 703797762.